**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs.**

**Joseph Galea**

Numru: 8/2010

Illum 18 ta' Novembru 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat **Joseph Galea**, bin Gorg u Loreta neé Grech, imwieled nhar l-10 ta' Lulju 1964, residenti fil-fond Sagra Familja, Triq l-Imgarr, Ghajnsielem, Ghawdex, u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 35364(G), akkuzat talli:

1. f'Ghawdex b'diversi azzjonijiet maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda bejn il-05/01/2001 u d-29/04/2005 bhala sid tal-fond *"St. John Safeway Discount Store"*, Triq l-Hamrija, Xewkija, Ghawdex u bhala persuna li fuqu huwa rregistrat il-*meter* tal-kurrent elettriku li hemm fl-imsemmi post b'mezzi qarrieqa li bihom seta'

kellu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' dan il-kurrent elettriku jew li bihom seta' jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar, ikkommetta serq ta' kurrent elettriku fl-ammont ta' €15,033.16 ghad-detriment tal-korporazzjoni Enemalta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Rat il-*Proces Verbal* Numru 1535/05 redatt mill-Magistrat Inkwirenti Dr. Paul Coppini (Dok. "JA" – *a fol.* 64 *et seq.*) u l-konkluzjonijiet raggunti minnu.

Rat illi originarjament f'din il-kawza kien hemm zewg imputati (Joseph Galea u Paul Axiak) u li fis-seduta tas-17 ta' Gunju 2014 (*a fol.* 137) il-Qorti ordnat s-separazzjoni tal-gudizzju bejn iz-zewg imputati u filwaqt li ordnat il-prosegwiment tal-kawza fir-rigward tal-imputat Joseph Galea, ordnat li l-kawza fil-konfront ta' Paul Axiak tigi differita *sine die*.

Semghet lill-imputat Joseph Galea jixhed minn jeddu u b'mod volontarju.

Semghet il-kontro-ezamijiet mid-difiza ta' uhud mix-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni.

Semghet, fis-seduta tal-25 ta' Marzu 2015 (*a fol.* 158), lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li kienet ser tirrimetti ruhha ghal dak li jirrizulta mill-atti processwali.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tad-difiza pprezentata fit-30 ta' Gunju 2015 (*a fol.* 160 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2012, xehed **PS 1040 John Grima** (*a fol.* 31 *et seq.*) fejn spjega li dakinhar tad-29 ta' April 2005 ghal xi t-2.45pm waqt li kien xoghol fl-Ghassa tar-Rabat kienu marru Mario Cassar, Robert Busuttil u Mario Pavia, ilkoll haddiema tal-Enemalta, fejn irraputaw li meta marru jaghmlu spezzjoni f'*Saveway Discount Store* f'Triq il-Hamrija, ix-Xewkija sabu tbaghbis fil-*meter* tad-dawl. Jghid li gie nfurmat li l-*meter* kien qed jimmarka 33% anqas mill-konsum li kien qed jinhela. Spejga li meta mar fuq il-post in kwistjoni sab lill-imputat u setgha josserva li s-sigilli tal-*base cover* kienu jidhru mbaghbsa. Jixhed li dak il-hin l-ufficjali tal-Enemalta qalghu l-*cover* tal-*meter* u hu gie nfurmat li kien hemm *wire* iswed maqlugh minn postu. Jghid li nghad lilu li dan jissejjah *voltage wire* li meta jinqala', il-konsum tar-*red phase* tat-*three phase* ma jigix registrat. Jghid li l-imputat Galea qallu li l-fond kien ilu ghandu mill-1 ta' Novembru 2004 u li ma kien jaf xejn fir-rigward ta' dak li kien hemm fil-*meter*. Jghid li Galea qallu wkoll li kien xtara l-fond minn ghand Paul Axiak. Ezebixxa l-okkorrenza redatta minnu li giet immarkata bhala Dok. "JG 1" (*a fol.* 33 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2012, xehed ukoll **Mario Pavia** (*Senior Distribution Technical Officer, Foreman – Enemalta – a fol.* 37 *et seq.*) fejn spjega li Mario Cassar u Robert Busuttil marru biex ibiddlu l-*meter* fil-fond *Saveway Supermarket* fix-Xewkija u rrizulta li *phase* minnhom ma kienx qed jimmarka fuq il-*meter* ghax kien maqtugh minn gewwa. Jghid li huwa mar fuq il-post.

In <u>kontro-ezami</u> meta gie mistoqsi jghid ghala kien mar jinbidel il-*meter* wiegeb li kienu qeghdin isiru spezzjonijiet ghall-gharrieda. Jghid li normalment il-persuna li jkunu sejrin ghandu biex issir din l-ispezzjoni ma jkunx avzat. Jghid li f'dan il-kaz ma jidhirlux li kien avzat.

Illi, fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2012, xehed ukoll **Robert Busuttil** (*Senior Distribution Tradesman – Enemalta – a fol.* 40 *et seq.*) fejn spjega li Mario Cassar u hu marru jaghmlu spezzjoni ghall-gharrieda fil-fond *Saveway Supermarket* fix-Xewkija u meta bdew jispezzjonaw il-*meter* tad-dawl sabu li l-*meter* kellu s-sigilli l-homor imbaghbsin. Jghid li meta marru l-fond kien miftuh u li kien hemm l-imputat Galea.

In kontro-ezami, li sar fis-seduta tal-11 ta' Frar 2015 (*a fol.* 156 *et seq.*), mistoqsi jghid jekk meta ra l-*meter* in kwistjoni setghax jikkonstata kemm kien ilu mbaghbas, wiegeb li m'huwiex f'pozizzjoni. Ghad-domanda: *"Issa, il-mod kif dan il-meter kien minsus, nghid sew illi persuna ordinarja ma kienitx se tinduna; trid tkun persuna tifhem biex tinduna li ma kienx qieghed tajjeb"* (*a fol.* 157), wiegeb: *"Ifhimni, ahna nindunaw ghax huwa x-xoghol taghna, u s-sigilli kif ikunu mhux intatti, ikunu tampered, hekk hu"* (*a fol.* 157).

Illi, fis-seduta tat-18 ta' April 2012, xehed **Mario Cassar** (*Senior Tradesman – Enemalta – a fol.* 46 *et seq.*) fejn spjega li fid-29 ta' April 2005 ghal xi s-2.30 Robert Busuttil u hu marru jaghmlu spezzjoni fil-fond *Saveway Mini market* fix-Xewkija fil-prezenza tal-imputat Galea. Jghid li gie spezzjonat il-*meter* tat-*three phase* u l-arlogg kellu qari ta' konsum ta' 18109. Jghid li meta saret l-ispezzjoni fil-prezenza tal-imputat Galea rrizulta li dan il-*meter* kellu tlett sigilli homor li kienu imbaghbsin. Jghid li rrizulta wkoll li mis-*service box* instab li l-*meter* ma kienx qed jirregistra fuq ir-*red phase* li spjega li jfisser li kien hemm madwar terz ta' konsum (madwar 33%). Jghid li nstab ukoll li fuq ir-*red phase* kien hemm *wire* tal-*voltage* maqlugh u li biex dan jinstab irid jinqala' l-*cover*. Ezebixxa r-rapport ufficjali li gie mmarkat bhala Dok. "MC 1" (*a fol.* 50 *et seq.*).

In kontro-ezami ma kienx f'pozizzjoni jghid jekk dak il-hin l-imputat Galea qalilhomx xi haga dwar l-allegat abbuz. Mistoqsi jghid hekk hux f'pozizzjoni li jghid kemm kienu ilhom imbaghbsin is-sigilli, wiegeb li ma jafx.

In kontro-ezami, li tkompla fis-seduta tal-11 ta' Frar 2015 (*a fol.* 153 *et seq.*), mistoqsi jghid jekk hux possibbli jghid jekk il-*meter* ikunx ilu li ntmess jew le, wiegeb li ma jistghax jghid. Ikkonferma li trid tkun persuna espert fil-materja biex tinduna li l-*meter* mhux qieghed sewwa.

Illi, fis-seduta tat-18 ta' April 2012, xehed **Alan Chetcuti** (*Professional Executive* fir-*Revenue Protection Section – Enemalta – a fol.* 52 *et seq.*) fejn spjega li in segwitu ta' spezzjoni li saret fid-29 ta' April 2005 gew rapportati xi irregolaritajiet fil-*meter* tad-dawl. Jghid li l-konsum ta' qabel saret l-ispezzjoni gie mqabbel mal-konsum wara li

saret l-ispezzjoni u nstab li fl-1575 gurnata ta' qabel l-ispezzjoni, il-konsum kien madwar dak ta' 101 units. Jghid li hekk kif inbidel il-*meter* il-konsum tal-ewwel 387 gurnata kien irdoppja ghal 210 units ta' dawl kuljum. Jghid li minghajr ma jittiehdu in konsiderazzjoni l-interessi jew penali l-ammont tal-istima titla' ghal €14,968.34 li minnhom sar hlas ta' depozitu ta' €2389. Jixhed li l-Enemalta baqaghlha bilanc favur taghha ta' €11,501. Ezebixxa l-istima, l-istorja tal-konsum tal-elettriku u r-rapprezentazzjoni grafika taghha, u l-*meter card* li turi li l-*meter* gie mwahhal fuq applikazzjoni ta' Paul Axiak. Dawn gew immarkati minn Dok. "AC 1" sa Dok. "AC 3" (*a fol.* 56 *et seq.*).

In <u>kontro-ezami</u> jghid li mhux possibbli ghalih jghid meta saret l-applikazzjoni da parte ta' Paul Axiak biex jigi stallat il-*meter* pero jghid li l-*meter* hareg mill-i*stores* tal-Enemalta fis-16 ta' Mejju 2000. Ghad-domanda: *"Qed nifhem sew mix-xiehda tieghek li allura l-indikazzjonijiet huma li l-meter kien ilu mbaghbas almenu ghal erba' snin? Ghaliex il-konsum kien jidher baxx tul dawk is-snin kollha?"* (*a fol.* 54), wiegeb: *"Ahna l-Enemalta dak li qed nghidu. Li l-konsum f'dawn il-perjodu ta' snin kien baxx wisq ikkomperat ma' dak li kellu jigi rregistrat"* (*a fol.* 54). Ghad-domanda: *"Jigifieri jista' jkun li kien ilu mbaghbas aktar minn erba' snin? Skond il-kalkoli taghkom?"* (*a fol.* 54), wiegeb: *"Ftit aktar. Ma kienx ilu installat hafna aktar minn dawk il-hames snin"* (*a fol.* 55). Ikkonferma li d-depozitu sar mill-imputat Galea.

Illi fis-seduta tad-9 ta' Ottubru 2012 gie ezebit il-*Proces Verbal* Numru 1535/05 redatt mill-Magistrat Inkwirenti Dr. Paul Coppini (Dok. "JA" – *a fol.* 64 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tad-9 ta' Ottubru 2012, xehed **Frank Mercieca** (*a fol.* 106 *et seq.*) fejn ikkonferma li gie mahtur bhala espert fl-Inkjesta Magisterjali. Hu kkonferma li ha r-ritratti li jinsabu *a fol.* 35 tal-Inkjesta Magisterjali (*a fol.* 102 tal-process).

Illi, fis-seduta tad-9 ta' Ottubru 2012, xehed ukoll **Dr. Kevin Mompalao** (*a fol.* 108 *et seq.*) fejn ikkonferma li gie mahtur bhala espert fl-Inkjesta Magisterjali. Hu kkonferma r-relazzjoni redatta minnu liema relazzjoni tinsab *a fol.* 8 *et seq.* tal-Inkjesta Magisterjali (*a fol.* 75 *et seq.* tal-process). Jghid li l-imputat Joseph Galea kien

qalilhom li huwa kien akkwista l-fond in kwistjoni f'Novembru 2004 u qabel il-fond kien joperah Paul Axiak. Jghid li Galea kien qal li l-*meter* kien digà dar fuqu però kien ghadu ma rceviex kont. Jghid li wara Galea qallu li lanqas kien cert jekk il-kont kienx dar fuqu jew le. Jghid ukoll li Galea qallu li ma kienx ghadu xtara l-fond u li kien qieghed fuq konvenju u li hu ma kien jaf b'xejn dwar l-irregolaritajiet li nstabu.

Illi, fis-seduta tas-26 ta' Gunju 2013, xehed l-i**Spettur Maurice Curmi** (*a fol.* 124) fejn xehed li kien informal lill-Magistrat Inkwirenti Dr. Paul Coppini rigward dak li kien gie nfurmat bih fid-29 ta' April 2005 minn xi haddiema tal-Enemalta in segwitu ta' spezzjoni li ghamlu fil-fond in kwistjoni.

Illi, fis-seduta tal-4 ta' Novembru 2014, xehed l-imputat **Joseph Galea** (*a fol.* 141 *et seq.*) fejn beda billi kkonferma d-depozizzjoni (*a fol.* 94) li kien ta lill-espert tekniku Dr. Kevin Mompalao fl-Inkjesta Magisterjali. F'din id-depozizzjoni, Galea kkonferma li huwa sid il-fond il-kwistjoni u li dan akkwistah f'Novembru 2004. Jghid li qabel il-fond kien jigi operat minn Paul Axiak u li l-*meter* kien dar fuqu (fuq Galea) mill-ewwel pero qal li sa dakinhar li ta din id-depozizzjoni (lil Dr. Kevin Mompalao) ma kienx ghadu rcieva kont. Jghid li ghandu dubju jekk il-*meter* darx fuqu jew le. Jghid li ghalkemm il-fond joperah hu, hu kien ghadu ma xtrahx dan il-fond izda kien ghadu fuq konvenju. Jghid li l-*meter* baqa' dak li kien hemm qabel. Jghid li ma jaf b'xejn dwar dak li nstab fil-*meter*. Jghid li minn meta dahal hu fil-fond qatt ma jaf li kellu problemi fl-elettriku jew kellu bzonn imiss is-sistema tal-elettriku jew isejjah lil Enemalta.

Quddiem il-Qorti, l-imputat Galea zied jghid li l-fond dam ghandu biss hdax il-xahar u dana peress li kien hemm tilwima u hu (Galea) hareg mill-ftehim. Jghid li l-kuntratt baqa' qatt ma sar. Kull ma kien hemm kien biss konvenju. Rigward il-*meter* huwa qal li jaf li kienu ftehmu li jiehdu r-*readings* u jdawwruh. Jghid li hu ma jafx li messu l-*meter*. Jichad li qabbad lil xi hadd biex jaghmel xi haga.

In kontro-ezami jghid li l-fond kien jiehu hsiebu Paul Axiak. Jikkonferma li hu (Galea) kellu access ghall-fond u li kien jiftah hu u kien jimmanigjah hu l-fond.

Illi fis-seduta tal-11 ta' Frar 2015 id-difiza ezebit zewg dokumenti li gew immarkati bhala Dok. "GS 1" u "GS 2" (*a fol.* 146 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi f'dan il-kaz l-imputat jinsab akkuzat li seraq kurrent elettriku ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta. Jirrizulta li kien hemm konvenju bejn l-imputat Galea u l-imputat Axiak (li fil-konfront tieghu l-proceduri gew differiti *sine die*) fejn Axiak wieghed li jbiegh il-fond in kwistjoni lil Galea tul liema zmien ta' konvenju Galea kellu access ghall-fond. Jirrizulta li meta saret spezzjoni mill-ufficjali tal-Enemalta ftit xhur wara li sar dan il-konvenju nstab li kien hemm xi tbaghbis fil-*meter* tad-dawl kif deskritt mill-ufficjali tal-Enemalta fid-depozizzjoni taghhom bil-konsegwenza li ma kienx qed jigi registrat il-konsum kollu. Jirrizulta li l-*meter* kien ghadu l-istess wiehed li kien gie nstallat fuq talba tal-imputat Axiak.

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjoni addebitata lill-imputat hija vera u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjoni dedotta ghandha tigi pruvata *oltre* kull dubbju ragjonevoli, cioé oltre kull dubbju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li "*dubbju jkun dak <u>dettat</u> mir-raguni*".

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni *"proof beyond a reasonable doubt"*.

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

**Ikkunsidrat**

Illi dawn il-proceduri kontra l-imputat (u Paul Axiak) gew istitwiti wara li nghalaq il-*Proces Verbal* Numru 1535/05 redatt mill-Magistrat Inkwirenti Dr. Paul Coppini (Dok. "JA" – *a fol.* 64 *et seq.*). Il-Qorti hadet konjizzjoni tal-atti processwali ta' dan il-*Proces Verbal* b'mod partikolari s-segwenti:

- Il-Magistrat Inkwirenti qabel mal-konkluzjonijiet peritali.

- Fir-rapport tieghu l-espert tekniku Dr. Kevin Mompalao ikkonstatata, fost l-ohrajn, is-segwenti:

> *"30. L-unika spjegazzjoni li jaghti l-operatur tal-fond Joseph Galea, hija illi ma jaf b'xejn minn dak li nstab. Dan kollu jista' jkun minnu pero b'daqshekk l-esponenti ma jhossx illi f'dan l-istadju l-operatur*

*tal-fond irribatta l-prezunzjoni kontra tieghu mqajjma minn l-Artikolu 264(2) tal-Kodici Kriminali (Kap. 9).*

*31. Ikun opportun illi kemm il-konsumatur registrat u operatur precedenti kif ukoll l-operatur prezenti jwiegbu ghal akkuzi kriminali, biex jigi determinat min minnhom huwa l-persuna responsabbli minn dan is-serq"* (*a fol.* 88-89).

Illi, wara li nghad dan, il-Qorti ser tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha rigward l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat.

Illi mill-provi prodotti jirrizultaw is-segwenti:

- PS 1040 John Grima (*a fol.* 31 *et seq.*) jghid li l-imputat Galea qallu li ma kien jaf xejn fir-rigward ta' dak li kien instab fil-*meter* in kwistjoni.

- L-Ufficjali tal-Enemalta, Robert Busuttil u Mario Cassar, ma setghux jikkonstataw kemm kien ilu mbaghbas il-*meter*. Ghad-domanda tad-difiza jekk tridx tkun persuna tifhem biex tinduna li l-*meter* ma kienx jinsab tajjeb, wiegbu li huma ndunaw ghax huwa x-xoghol taghhom.

- Il-*meter* kien ilu mwahhal ghal diversi snin fuq talba ta' Paul Axiak.

- L-Ufficjal tal-Enemalta Alan Chetcuti filwaqt li qal li ma kienx possibbli ghalih jghid meta saret l-applikazzjoni da parte ta' Paul Axiak biex jigi stallat il-*meter* pero jghid li l-*meter* hareg mill-i*stores* tal-Enemalta fis-16 ta' Mejju 2000. Chetcuti kkonferma li skond huma l-*meter* kien ilu mbaghbas ghal ftit aktar minn erba' snin u dana qalu wara li gie kkonstatat il-konsum li kien hemm f'dan il-perjodu u wara li twahhal *meter* gdid wara li saret l-ispezzjoni.

- L-imputat cahad b'mod kontinwu u mill-bidu nett li huwa kien jaf b'xi haga rigward it-tbaghbis. Jichad li qabbad lil xi hadd biex jaghmel xi haga f'dan ir-rigward.

**Ikkunsidrat**

Illi wara li l-Qorti hadet dan kollu in konsiderazzjoni tinnota li l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat ma gietx sodisfacentement pruvata. Mill-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni, il-Qorti ma tistax tasal sabiex issib htija fl-imputat ghall-imputazzjoni addebitata fil-konfront tieghu.

Illi l-Qorti hi tal-fehma li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tilhaq il-grad ta' prova minnha rikjest u cioè li l-imputat huwa hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. B'hekk jirrizulta li l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija ta' l-imputat u l-Qorti ghalhekk hija obbligata tillibera lill-istess imputat mill-imputazzjoni dedotta kontra tieghu. Din il-konkluzjoni hi msahha bil-principju enuncjat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer** imsemmija aktar il-fuq.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti ma ssibx lill-imputat Joseph Galea hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u b'hekk tilliberah minnha.

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**